**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 9 ta' Marzu 2023

Rikors Ġuramentat Numru: 212/21 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B**

**vs**

**C B nee D**

**E B**

**F B u**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur,[1] li permezz tiegħu ppremetta:

*Illi l-esponenti u l-intimata C B nee' D zzewgu nar l-ghoxrin ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u disgha u sittin (2007/1969) certifikat ta' zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A;*

*Illi matul iz-zwieg taghhom, nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u sebghin (24/8/1970) twieldet E B u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid immarkat Dok 'B' u nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tlieta u sebgħin (23/02/1973) twieled F B u dank if jirrizulta mill-aness certifikat tat-twelid immarkat Dok 'C';*

*Illi minkejja li l-istess ulied twieldu fiz-zwieg tal-kontendenti, l-esponenti sa minn meta twieldu l-istess ulied kien dubjuz u ghad ghandu dubju serju dwar il-paternita' ta' uliedu li twieldu matul iz-zwieg tal-partijiet;*

*Illi kien ghahekk illi l-esponenti kemm-il darba ikkonfronta lill-intimata martu li minn naha taghha qatt ma cahdet dawn l-allegazzjonijiet tal-esponenti zewgha, illi l-istess uliedu mhux l-ulied bijologici tieghu;*

*Illi sahansirea l-esponenti bghat ittra ufficcjali f'dan ir-rigward u sabiex l-istess partijiet jissottomettu ruhhom ghat-testijiet tad-DNA, lill-intimata E B liema ittra ufficcjali ggib in-numru 99/19 hawn annessa u mmarkata Dok. D u lil F B liema ittra ufficcjali ggib in-numru 100/19 hawn annessa u mmarkata Dok. E, liema ittri qatt a gew imwiegba mill-intimati, testijiet baqghu sal-illum il-gurnata qatt ma saru u ghalhekk l-esponenti kien kostrett jipprosegwi bil-kawza odjerna;*

*Illi minkejja it-trepass ta' zmien l-esponenti jrid jirregola l-paternita' tal-intimati E u F B, li peress li twieldu matul iz-zwieg tieghu mal-intimata C B, tnizzlu bhala wliedu;*

*Illi ghalhekk jehtieg illi jsiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikati tat-twelid tal-intimati E u F B rispettivament, liema gew rregistati mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku;*

[1] Fol. 1.

*Illi l-esponenti gie debitament awtorizzat minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex jipprocedi b'din il-kawza, wara rikors generali bi numru 323/2020 JPG, liema rikors l-intimati ma ntavolaw ebda risposta u dan skond digriet moghti mill-Onorabbli Qorti (Sezzjoni Familja) datat ghaxra (10) t'Awwissu tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) (kopja hawn annessa u mmarkat bhala Dok. F);*

*Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Ghadaqstant, u in vista ta' dak suespost, l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tordna illi jsiru t-testijiet genetici oportuni fuq l-esponenti A B u entrambi l-intimati E u F B rispettivament, sabiex jikkonfermaw li l-istess intimate ma humiex ulied l-esponenti A B;*

2. *Tiddeciedi u tiddikjara illi l-esponenti mhux il-missier naturali u bijologiku tal-intmati E B li twieldet nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u sebghin (28/08/1970) u F B li twieled nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tlieta u sebghin (23/02/1973) rispettivament;*

3. *Konsegwentament tordna li jithassru d-dettalji tal-esponenti mil-kolonna "isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" mic-certifikat tat-twelid tal-intimati E u F maghrufa bil-kunjom Carana rispettivament;*

4. *Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fl-istess certifikat tat-twelid tal-intimati E u F B u dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;*

5. *Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku, jekk ikun il-kaz, jaffettwa l-korrezzjonijiet opportuni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghall-imsemmi certifikat tat-twelid;*

*Salv kull rovvediment iehor li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi u bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, li huma minn issa ingunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku,[2] fejn eċċepixxa:

1. *Illi in linea preliminarim l-esponent qiegħed jassumi illi din il-kawża giet intavolata ai termini tal-Artikolu 70, subinciz (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-kawza istanti si trata proprju denegata paternita';*

2. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li huwa mhuwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;*

3. *Illi r-rikorrent jehtieglu primarjament jipprova u jissodisfa minn talanqas wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 70, sub-inciz (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal tali fini, l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artkolu 70A, subinciz (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tigi vverifikata l-allegazzjoni tar-rikorrent li huwa mhuwiex il-missier bijologiku tal-intimati E B u F B. F'tali cirkostanza, l-esponent, stante li huwa m'ghandux x'jaqsam mal-mertu tal-kawza istanti, jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji;*

4. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-partijiet kontendenti jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandhom jassumu l-intimati E B u F B;*

5. *Illi subordinatament u dejjem bla hsara ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jirrileva li huwa importanti li l-kelmiet 'wife of the said A B', li jinsabutaħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, ghandhom flimkien mal-konnotati tar-rikorrent jiġu kkancellati mill-Atti tat-Twelid tal-intimati E B u F B bin-numru 3783/1970 u 1332/1973 rispettivament, u minflok ghandhom jigu indikati isem u kunjom l-omm fil-mument tat-twelid u kunjom xbubitha ghall-finijiet ta' kompletezza;*

6. *Illi b'referenza ghall-hames talba tar-rikors guramentat, ir-rikorrent ghandu jindika n-numru progressiv u s-sena ta' kull att iehor li ghandu jigi korrett;*

[2] Fol. 23.

7. *Illi finalment, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' għaġir tal-esponent u għaldaqstanthuwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti C B u E B,[3] fejn ġie eċċepit:

*Illi din il-kawza hija manifestament frivola u vessatorja, intiza biss bhala fishing expedition. Kif inhu ben risaput fil-gurisprudenza nostrana, attur ghandu jipproponi kawza ghaliex jemmen li ghandu dritt u mhux sabiex jittanta xortih.*

*Illi l-attur stess bil-gurament tieghu jikkonferma illi kien dubjuz minn dan id-dritt. Gialadarba ma tezistix ic-certezza mehtiega f'dan id-dritt, il-Qorti ghandha tichad it-talbiet b'mod immedjat.*

*Illi minghajr pregudizzju, fl-eventwalita' illi l-Qorti thoss illi ghandha tipprocedi bil-kawza, kwalunkwe spejjez, inkluzi spejjez in konnessjoni ma' tetsijet xjentifici ghandhom ikunu a karigu tal-attur.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti C B u E B;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut F B,[4] fejn eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament lattur ghandu jindika l-artikolu tal-ligi li fuqu qieghed jibbaza l-azzjoni tieghu fejn huwa qieghed jichad li huwa l-genitur tal-konvenuti E B u F B, z-zewg ulied ta' 51 u 48 sena rispettivi, imwielda matul iz-zwieg tieghu mal-konvenuta l-ohra C B nee' D ;*

[3] Fol. 27.
[4] Fol. 29.

2. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, qabel ma jigu ordnati t-tstijiet genetici opportuni, l-attur ghandu jipproduci provi konFi in sistenn tal-allegazzjonijiet li l-imsemmija konvenuti E B u F B m'ghadhomx jitqiesu bhala uliedu minkejja li dawn twieldu matul iz-zwieg tieghu mal-konvenuta l-ohra C B nee' D, liema zwieg ghadu vigenti sal-lum;*

3. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost ghas-suespost, fil-bqija, l-konvenut F B jirrimetti ruhu ghal kwalsiasi decizjoni tal-Onorabbli Qorti; tenut kont li huwa qatt ma inghata serjament x'jifhem li l-attur mhux missieru;*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa qieghed jigi ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut F B;

Rat l-Att taż-Żwieġ ta' A u C, konjuġi B, bin-numru progressiv 1223 tas-sena 1969;[5]

Rat l-Att tat-Twelid ta' E B bin-numru progressiv 3783 tas-sena 1970;[6]

Rat l-Att tat-Twelid F B bin-numru progressiv 1332 tas-sena 1973;[7]

Rat l-ittra uffiċċjali mibgħuta lil E B minn A B;[8]

Rat l-ittra uffiċċjali mibgħuta lil F B minn A B;[9]

Digriet tal-10 ta' Awwissu 2021,[10] fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-attur kif dedotta fir-rikors tat-23 ta' Settembru 2020;

Rat l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar li miegħu hemm anness ir-rapporti xjentifiċi tad-DNA minnha stess redatti fir-rigward tal-konvenuti E u F, aħwa B;[11]

[5] Fol. 6.
[6] Fol. 7.
[7] Fol. 8.
[8] Fol. 9.
[9] Fol. 12.
[10] Fol. 15.
[11] Fol. 39.

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[12]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. L-Azzjoni Odjerna:

Il-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mir-rikorrent għaċ-ċaħda tal-paternita' tiegħu versu E u F, aħwa B. Ir-rikorrent jikkontendi li żżewweġ lil C B nhar l-20 ta' Lulju 1969, iżda jikkontendi li dejjem kellu dubju dwar il-paternita' tal-ulied twieldu f'tali żwieġ. Fid-dawl tal-premess, permezz tal-azzjoni odjerna, l-attur A B qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tordna li jsir it-test tad-DNA, filwaqt li tiddikjara li huwa mhux il-missier naturali tal-aħwa B u konsegwentament tgħaddi sabiex tawtorizza l-korrezzjonijiet neċessarji fl-Atti tat-Twelid tagħhom billi l-konnotati tar-rikorrent jiġu kkanċellati minn fuq l-istess Atti tat-Twelid.

2. Il-Prinċipji Legali:

In tema legali jingħad illi l-Artikolu 70 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li fuqu hija bbażata din il-kawża jipprovdi illi r-raġel jista' jiċħad li jagħraf it-tifel imnissel matul iż-żwieġ:

*"(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tal-wild, hu kien fl-impossibbiltà fiżika li jgħammar mal-konjuġi li wiled minħabba li kien 'il bogħod mill-imsemmi konjuġi, jew minħabba xi aċċident ieħor; jew*

*(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment separat mill-konjuġi li wiled: Iżda ma jistax jiċħad lill-wild jekk matul*

[12] Fol. 44.

*dak iż-żmien ikun reġa' ngħaqad mal-konjuġi tiegħu, ukoll jekk temporanjament; jew*

*(ċ) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet waħda fit-tnissil; jew*

*(d) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-konjuġi li wiled kien għamel adulterju jew kien ħeba t-tqala u t-twelid tal-wild; jew*

*(e) jekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll jirriżulta minn testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu li l-konjuġi huwa l-ġenitur".*

Illi l-artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, surreferit, għandu jinqara konteswalment ma' l-artikolu 73 tal-istess Kodiċi li jelenka l-perjodu li fih dak il-konjuġi jista' jipprosegwi sabiex jagħmel azzjoni ta' *denegata paternita'*, u ċjoe:

*"(a) fi żmien sitt xhur mit-twelid, jekk il-konjuġi f'dak iż-żmien kien jinsab f'Malta;*

*(b) fi żmien sitt xhur minn dakinhar li jiġi lura f'Malta, jekk fiż-żmien tat-twelid il-konjuġi kien nieqes minn Malta;*

*(ċ) fi żmien sitt xhur minn dakinhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien ġie lilu moħbi".*

Madanakollu, f'każ li dak il-konjuġi li ma jkunx ipprosegwa bl-azzjoni ta' *denegata paternita'* entro ż-żmien stipulat, ai termini tal-*proviso* tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili, dak il-konjuġi għandu l-fakolta' li jipprezenta rikors quddiem il-Qorti kompetenti fejn jitlobha l-awtorizzazzjoni meħtieġa sabiex ikun jista' jipprosegwi bil-kawża. Dik il-Qorti kkonċernata, jekk ikun possibbli, għandha tisma' lil partijiet interessati u konsegwentament tgħaddi sabiex tqis id-drittijiet tal-applikant u l-wild. Wara li jsir dan l-ezerċizzju, l-Qorti għandha d-diskrezzjoni li tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex dak il-konjuġi jkun jista' jintavola l-azzjoni ta' *denegata paternita'.*

Dak il-konjuġi li jkollu interess jintavola azzjoni ta' *denegata paternita'*, konsegwentament għandu, abbazi tal-Artikolu 75 subinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili, jimxi legalment kontra*: "(a) kontra t-tifel jekk ikun tal-età; jew (b) jekk ma jkunx tal-età jew għal raġuni oħra ma jkunx tajjeb biex joqgħod f'kawża, kontra kuratur maħtur mill-qorti li quddiemha tinġieb il-kawża: Iżda l-qorti tista' taħtar it-tutur li t-tifel ġa jkollu"*. Madanakollu, subinċiż 2 tal-istess artikolu tal-liġi, jkompli jgħid illi f'kull każ, il-konjuġi l-ieħor għandu jiġi msejjaħ fil-kawża.

F'tali azzjoni, ma jistgħax jonqos li ssir referenza għall-Artikolu 70A subinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi:

*"Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tal-wild: (a) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li welled u lill-wild; (b) il-konjuġi li wiled jista' jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild; (ċ) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġi u lill-wild, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti."*

3. L-Azzjoni Odejrna b'Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:

It-talba tal-attur A B hija msejsa fuq l-Artikolu 70 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, għalhekk hija azzjoni fejn l-attur qiegħed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni ġudizzjali ta' *denagata paternita'*, ċjoe' li E u F, aħwa B, ma humiex wliedu hekk kif ġie mniżżel fl-Atti tat-Twelid rispettivi tagħhom, iżda huma l-ulied ta' terza persuna.

Fir-rigward tal-mertu tal-każ odjern, il-Qorti rat l-affidavit ta' Dr Marisa Cassar ippreżentat u debitament maħluf fit-13 ta' Ġunju 2022, fejn ikkonfermat illi wara li ġabret kampjun orali tal-partijiet, irriżulta illi A B, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija X hu filfatt il-missier naturali ta' E u F, aħwa B.[13] Kif dejjem irritjeniet il-Qorti f'kawżi ta' din in-natura, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra.

[13] Fol. 39.

Għaldaqstant ma jeżisti l-ebda dubju li l-azzjoni tal-attur ma għandhiex missewwa, għaliex ma hemm l-ebda dubju li huwa l-missier naturali tal-aħwa B u b'hekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn għandha tilqa' it-talbiet kif dedotti mill-attur.

**DEĊIDE:**

Għal dawn il-motivi, fid-dawl tar-raġunijiet u l-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Qorti tiċħad it-talbiet kollha tal-attur.

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża, inkluż dawk tat-testijiet ġenetiċi, għandhom ikunu sapportati mill-attur A B.